MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Numru 174/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**versus**

**Glenn Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Glenn Busuttil ta’ 30 sena iben Spiridione u Maria Dolores nee’ Goodlip mwieled Msida fit-12 ta’ Jannar 1977 u residenti fil-preżent ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin u f’indirizz ieħor mogħti seduta stante 33 Flat 4 Old Hospital Street Valletta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 139877 (M).

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fl-14 ta' Ġunju 2007 u fil-jiem ta' qabel

(a) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tieghu;
(b) F'każ ta' ħtija, il-Qorti kienet mitluba titratta ma Glenn Busuttil talli rrenda ruħu riċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2007 a fol 5; iċ-ċertifikat tat-twelid a fol 6 li jġib in-numru 1398 tas-sena 1977, il-fedina penali ta' l-imputat, ir-risposta ta' l-imputat li ma kienx ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh a fol 13; il-ħatra ta' l-ispiżjar Mario Mifsud a fol 20 sabiex jagħmel analiżi fuq l-affarijiet esebiti; l-istqarrija magħmula mill-imputat fl-14 ta' Ġunju 2007; ir-riċevuta tal-pulizija illi turi li kien hemm Lm159.50 li ttieħdu mingħand l-imputat (fol 26); l-esenzjoni da parti tad-difiża lill-prosekuzzjoni milli ttella' lil PS 1261 Charles Pace biex jikkonferma r-ritratti esebiti; il-kopja tas-sentenza 'Sp Paul Camilleri vs Glenn Busuttil' ta' l-4 ta' Frar 2003 mogħtija mill-Maġistrat Dr J Padovani Grima li fiha l-imputat kien ikkundannat għal 11-il xahar priġunerija sospiżi għal tliet snin; ir-ritratti li jinsabu a fol 54; ir-relazzjoni ta' l-espert Martin Bajada li silet wkoll xi

sms's miċ-ċellulari; ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud u l-verbal tas-27 ta' Mejju 2008 li fih din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Skond l-Ispettur Dennis Theuma nhar il-14 ta' Ġunju 2007 għall-ħabta tas-1.00pm fit-Telgħa ta' Sa Maison fejn hemm il-Public Lotto waqt patrol mill-membri tal-mobile squad tal-pulizija kienet nnutata vettura mudell Hyundai Excel ħamra bin-numru tar-reġistrazzjoni AAB 246 fejn ix-xufier tagħha li kien l-imputat Glenn Busuttil deher aġitat.

Meta saret it-tfittxija fuq l-imputat, fil-pussess tiegħu instabu 5 mobile phones, tlieta mudell Nokia u tnejn mudell Siemens li ġew elevati.

Barra minn dan fuq id-dashboard ħdejn il-gear lever kien hemm żewġ boroż tal-plastic kantunieri li kien fihom 5 boroż żgħar kull waħda bi trab kannella fihom. U borża oħra apparti u ċioe totalment ġew elevati 11-il borża allegatament kontenenti id-droga eroina.

Minn fuq il-persuna ta' l-istess Busuttil inġabru LM159.50 fi flus kontanti.

Matul l-istqarrija l-imputat ma kkopera xejn mal-pulizija u lanqas wieġeb. Il-pulizija għamlu tfittxija fir-residenza li kienet indikata lilhom mill-imputat iżda ma sabu xejn. Il-pulizija hawn hekk skoprew illi ma kienx l-indirizz veru ta' l-imputat.

Xehed PC 1319 Matthew Xuereb li qal li fl-14 ta' Ġunju kienu marru zewġ pulizija tal-mobile u tawh hand over ta' l-affarijiet li kienu sabu fil-karozza ta' l-imputat. Kienu għaddewlu ammont ta' flus, ħames mobiles u kien hemm xi pakketti b'xi pakketti oħra ġo fihom bi trab kannella

suspettata eroina u kien hemm pakkett sachet apparti għalih bi trab kannella suspettat eroina.

Xehed is-Supretendent Paul Camilleri li kkonferma is-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Padovani Grima fl-4 ta' Frar 2003 fil-konfront ta' Glenn Busuttil. Saret il-prova ta' l-identita'.

L-Ispettur Dennis Theuma ppreżenta 5 ritratti ta' l-affarijiet li kienu instabu fuq l-imputat.

Xehed PS 524 Paul Cassar li qal li kienu waqqfu lill-imputat ftit 'l isfel mill-headquarters tal-pulizija, quddiem il-Lotto Office. Huwa qal li l-affarijiet kienu elevati mill-kollega tieghu PC 40 Raymond Saliba. Huwa qal x'kien hemm fiż-żewġ boroż u semma wkoll l-ammont ta' flus li nġabru fil-kartiera ta' l-imputat, Lm159.50.

Xehed ukoll PC 40 Raymond Saliba illi qal illi kienu taw ordni lill-imputat sabiex jieqaf. Qalulu joħroġ mill-karozza u saret tfittxija fil-vettura u fuqu. Huwa qal li kienu sabu 11-il borża zgħira ħdejn il-gear lever bi trab kannella u is-somma ta' LM159.50. Ikkonferma wkoll is-sejbien tal-mobile phones u kkonferma l-oggetti li kien hemm fir-ritratti (fol 60).

Mir-relazzjoni ta' Martin Bajada jirrizultaw dawn il-messaggi li jinsabu waħda fol 1.03 isfel nett 'Glen serja issa bil-karozza. Nofs siegħa oħra inċempillek. Ejja d-dar u ġbili 4 ta' LM5 u waħda ta' LM15.' Kif taqleb il-faċċata pero mmarkata wkoll fol 1.03, lejn l-aħħar messaggi hemm 'Oqgħod attent għax hawn il-pigis qegħdin iduru'. Dan huwa messaġġ tat-13 ta' Ġunju 2007.

Mir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud insibu li hemm b'kollox 13-il qartas illi l-piż tagħhom ivarja 0.014 sa 0.188. Dawn il-qratas kellhom 2.043 grammi li fihom instabet is-sustanza eroina.

Il-Qorti semgħet lill-Probation Officer imtella' mid-difiża jgħid li l-imputat għandu bżonn ta' attenzjoni kbira minħabba li għandu vizzju kbir tad-droga.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-ewwel imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' eroina. Id-difiża ssottomettiet illi l-Qorti ma għandhiex tħares biss lejn il-flus li nstabu u lejn il-piż li nstab. Żiedet tgħid li l-piż mhux ħafna speċjalment għal min ikun imdorri jieħu l-eroina. Hija rreferiet għal dak li qal il-Probation Officer dwar il-problemi ta' l-imputat.

Bir-rispett kollu il-Qorti hija imħassba sew dwar dan il-każ. L-ewwel nett biex wieħed jinstab ħati ta' pussess aggravat ma hemmx għalfejn ikun hemm ħafna piż ta' droga. It-tieni, jekk il-piż hawn hekk kien ta' żewġ grammi u fuqhom, 2.043g, għal dak li huwa piż fl-eroina dan mhux ftit. Effettivament minn dawn iż-żewġ grammi u ftit ħarġu xejn inqas minn 13-il pakkett.

Il-Qorti qed tikkunsidra li dawn it-13-il pakkett instabu fil-karozza ta' l-imputat fl-aqwa ħin tal-ġurnata, fi triq passaġġjuża bħal ma hija Sa Maison. Il-pakketti għandhom prattikament l-istess piż għax il-varjazzjoni hija minima.

Lill-Qorti dan jindikalha illi dawn kienu lesti għall-ispaċċ. Kif wkoll il-flus LM159.50, jindika wkoll illi kien qed isir it-tqassima ta' l-eroina.

Huwa vera illi l-imputat għandu il-vizzju tiegħu. Ma jfissirx imma li meta inti għaddej barra kif instab l-imputat bi 13-il pakkett, bil-flus f'idejk fi triq ewlenija, illi dawn huma kollha għalik.

Id-difiża ssottomettiet li ma nstab ebda miżien. L-ewwel nett mhux bilfors li kull min jispaċċja ser jinstablu miżien kemm jekk ikun f'xi vettura kif wkoll fid-dar tiegħu. F'dan il-każ, id-dar indikata lanqas kienet ta' l-imputat. Madankollu il-prova tal-pussess aggravat ma hemmx għalfejn tkun plunima. Minn imkien fil-liġi ma toħrog li jrid

ikun hemm iktar minn indizju wieħed sabiex wieħed jista' jinstab ħati ta' pussess aggravat.

Fil-fehma tal-Qorti, it-tqassim fil-pakketti, is-sejba ta' dawn il-pakketti fil-vettura ta' l-imputat u fi triq ewlenija fl-aqwa ħin tal-jum huma prova kumulattiva li juru l-intenzjoni ċara ta' l-ispaċċjar. Ma dawn, il-Qorti żżid illi żewġ messaġġi li nstabu fuq il-mobile meħud mingħand l-imputat, ikomplu jżidu ma din il-fehma.

Dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti ssib li din ġiet ppruvata għaliex ġiet ppreżentata kopja tas-sentenza u kienet kkonfermata l-identita' ta' l-imputat. Għal hekk din it-tieni imputazzjoni hija ppruvata ai fini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, ir-Regolament 9 tal-GN 292/19390, it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 ssib lill-imputat ħati ta' l- imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah għal sentejn priġunerija li minnhom għandhom għandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat kien taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-każ. Kif wkoll qed tikkundannah biex iħallas multa ta' 1400 Euro, liema multa tista' titħallas b'rati ta' 100 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat millum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Euro li ma jitħallsux.

Ai fini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta' l-esperti li jammontaw għal 471 Euro u 421.51 Euro (total ta' 892.51 Euro) fi żmien xahar millum.

Tordna l-konfiska tal-flus ippreżentati mill-pulizija favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------